Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Maurice Vassallo

Vs

Cuschieri Bros Aluminium Ltd

CCT 193/22/MM

Illum, 5 ta' November 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-1 ta' Marzu 2023 fejn talab is-somrna ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti d-depożitu lu huwa ħallas għal bieb tal-aluminium difettuż.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti ordna bieb tal-aluminium mingħand is-soċjeta' intimata u wara li tlesta x-xogħol u twaħħal fuq il-psot irriżulta li l-bieb kien difettuż billi rriħulta li kien hemm gap ta' 50mm bejn il-koxxa tal-bieb u l-frame tal-bieb. Illi r-rikorrenti jispjega li s-soċjeta' intimata kienet bagħtet ħaddiem biex jieħu l-qisien preċiżi propju biex ma jiġrux dawn l-affarijiet.

Illi s-soċjeta' intimata tirrispondi u attribwit il-fatt li l-bieb ġie idjaq minħabba li wara li ttieħed il-kejl kien sar xi xcogħol fuq il-ħajt mir-rikorrent sess jew minn terzi persuni fuq struzzjoni tar-rikorrent.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Ikkunsidra

Illi f'dan il-kaz, la darba huwa pacifiku li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta' appalt u mhux ta' bejgh u dan ghaliex jinvolvi obbligazzjoni "*di facere*" fuq dik "di dare" ("**International Tentage Textiles Industries Limited vs Andreas Gerdes**" (A.I.C. – 22 ta' Gunju 2005); "**Aplan Limited vs Emmanuel Bajada**" (A.I.C. (PS) – 27 ta' Novembru 2009), u allura dak li huwa mportanti u relevanti huwa jekk ix-xoghol sarx kif pattwit, u/jew skond is-sengha u l-arti, u dan indipendentement mill-allegata approvazzjoni jew certifikazzjoni tax-xoghol, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dak li l-appaltatur huwa obbligat li jaghmel huwa li jaghti l-opera li kellu jahdem skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Illi jekk ir-rikorrenti zammewx ix-xoghol, ma huwiex strettament relevanti ghas-soluzzjoni ta' din il-pendenza. F'dan il-kuntest jinghad li l-oggett baqa' ghand l-appellant bl-ebda mod ma jista' jfixkel fic-cirkostanzi odjerni t-talba tagħhom li x-xoghol mhux skond l-arti u s-sengha, u dan peress li r-regoli li jridu jigu applikati ghall kaz odjern huma dawk ta' appalt u mhux ta' kuntratt ta' bejgh. Illi fil-fatt fis-sentenza **"Valletta Aluminium Wrought Iron Work Limited vs Carmen Grech"** (P.A. (JRM) – 17 ta' Gunju 2010) inghad li *"l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jaghmel skond l-ahjar sengha u hila tieghu biex jaghti xoghol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu ("Tal-Franciz Construction Limited et vs Anglu Zarb" – A.I.C. (PS) – 15 ta' Lulju 2007). B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiza li x-xoghol ma sarx tajjeb ghaliex sar kif riedu l-kommittent, ghaliex l-appaltatur irid jirrezisti kull intromissjoni tal-kommittent minhabba dak l-indhil jew insistenza x-xoghol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengha u l-arti....Illi lanqas ma jiswa l-argument ta' l-appaltatur li x-xoghol moghti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-ahhar u li ma kienx ressaq ilmenti jew li, sahansitra, ikun rega' qabbdu jaghmillu x-xoghol iehor. Dan jinghad ghaliex il-fatt li jsir il-hlas jew hlas akkont jew li x-xogholijiet*

ikunu gew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista' dejjem u f'kull kaz jistkenn mix-xilja tat-twettiq hazin ta' appalt".

Illi t-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija plawsibbli u dan anki kif konfermat mir-rapport tal-perit Stephen Micallef datat 3 ta' Mejju 2023.

Illi t-Tribunal jinnota li wara li daħlet ir-risposta, s-soċjeta' intimata ma ppreżentat l-ebda xrara ta' prova sabiex issostni d-difiża tagħha jew b'xi mid tirribatti jew ixejjen dak li xehedu dwaru r-rikorrenti u martu u l-evidenza dokumentarja preżentata b'mod partikolari r-rapport tal-perit Stephen Micallef datat 3 ta' Mejju 2023.

Illi applikati dawn il-principji għall-kaz in ezami, dan it-Tribunal iħoss li mill-provi prodotti jirrizulta i*ctu occoli* mir-ritratti esebiti li l-bieb konsenjati mis-soċjeta' intimata ma huwiex skond is-sengha u l-arti u dan peress li l-bieb ġie idjaq milli suppost għal xi raġuni li taf biss bija s-soċjeta' intimata.

Għalhekk it-Tribunal ser jagħddi biex jilqa' t-talba rikorrenti.

Decide

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' mitt ewro (€100) rappreżentanti d-depożitu mħallas fi żmien ġimgħa mil llum. Il-bieb għandu jinqala mis-soċjeta' intimata fi żmien ġimgħatejn mil-lum u fin-nuqqas li tagħmel dan fi żmien ġimgħatejn mil-lum għandha tħallas kumpens addizzjonali ta' mitt ewro (€100) lir-rikorrenti sabiex jiddisponi minnu huwa stess.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru